# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 6 ta' Lulju, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1099/2003/2 SM**

**Jeremy S. Harris bħala mandatarju ta' Stuart Creggy**

**v.**

**Patrick Spiteri u Sylvana Spiteri**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni tat-3 ta' Awwissu, 2022, magħmula minn Patrick Spiteri taħt l-**Artikolu 811 (e)** u **(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell li ġie maqtugħ minn din il-Qorti b'sentenza mogħtija fl-4 ta' Mejju, 2022, wara li tiġi mħassra din l-istess sentenza.

**Daħla**

2. B'ċitazzjoni tal-24 ta' Ottubru, 2003, Jeremy S. Harris qal li l-mandant tiegħu, Stuart Creggy, kien iddepożita mal-konvenut Patrick Spiteri, is-somma ta' USD $1,483,500 u s-somma ta' STG ₤122,575.43. L-attur *nomine* jgħid li meta huwa talab lil Patrick Spiteri biex irodd lura dawn il-flejjes, dan baqa' ma raddhomx. Minħabba f'hekk, huwa fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex taqta' din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ u tordna lill-konvenuti sabiex iħallsu fi flus Maltin, dawn l-ammonti li kienu depożitati ma' Patrick Spiteri, bl-imgħax mill-4 ta' Awwissu, 1998, sa fejn imiss mad-dollari Amerikani u bl-imgħax mit-18 ta' Novembru, 1998, sa fejn imiss mal-liri Sterlini.

3. B'digriet mogħti fis-seduta tal-21 ta' Novembru, 2003, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat lill-konvenuti l-jedd li jressqu nota bl-eċċezzjonijiet tagħhom.

4. Din in-nota tal-eċċezzjonijiet tressqet fid-9 ta' Diċembru, 2003 u fiha ngħad: (i) li l-konvenuta Sylvana Spiteri mhijiex kontradittriċi leġittima għat-talbiet tal-attur *nomine* u b'hekk għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju; (ii) li Stuart Creggy għandu jipprova l-interess tiegħu biex imexxi b'din il-kawża; (iii) li l-konvenuti ma rċevew l-ebda flejjes mingħand Stuart

Creggy u għalhekk m'għandhom iħallsu lura xejn; u (iv) li l-konvenuti mhumiex marbuta li jagħtu lill-attur *nomine* dak mitlub minnu fiċ-ċitazzjoni.

5. B'digriet mogħti fil-15 ta' Diċembru, 2004, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili awtorizzat lill-konvenuti biex iressqu eċċezzjoni ġdida dwar in-nullità taċ-ċitazzjoni minħabba li la l-attur u lanqas il-mandatarju tiegħu ma huma residenti f'Malta.

6. Bis-saħħa ta' rikors imressaq fil-21 ta' Jannar, 2015, il-konvenut Patrick Spiteri talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex jitħalla jippreżenta sentenza mogħtija mill-High Court fl-Ingilterra, fid-19 ta' Diċembru, 2014, fl-ismijiet *Jeffrey Barnett et v. Stuart Creggy*. Din it-talba iżda ġiet miċħuda b'digriet tas-16 ta' Frar, 2015, minħabba li l-kopja ta' din is-sentenza ma kinitx ġiet awtentikata.

7. Fil-21 ta' April, 2015, il-konvenut Patrick Spiteri qabad u ppreżenta nota fir-reġistru, li magħha kien hemm mehmuża kopja awtentikata tas-sentenza mogħtija mill-High Court Ingliża fuq imsemmija.

8. Din id-deċiżjoni tal-High Court Ingliża però ġiet imneħħija mill-atti tal-kawża, b'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ġunju, 2015, għaliex din kienet ġiet ippreżentata mingħajr awtorizzazzjoni.

9. Imbagħad b'sentenza mogħtija fil-5 ta' April, 2016, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi: (i) laqgħet l-eċċezzjoni dwar l-illeġittimità passiva tal-konvenuta Sylvana Spiteri u b'hekk ħelsitha mill-ħarsien tal-ġudizzju; (ii) ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tal-konvenuti; u (iii) laqgħet it-talbiet attur *nomine* u b'hekk ordnat lill-konvenut Patrick Spiteri sabiex iħallas lill-attur *nomine* s-somom ta' USD $1,483,500 u ta' STG ₤122,575.43 ekwivalenti fil-munita Ewro, bl-imgħax kif mitlub fiċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż kollha involuti.

10. Patrick Spiteri appella kemm mid-digrieti tal-Ewwel Qorti dwar l-isfilz tas-sentenza Ingliża u kif ukoll mis-sentenza finali, b'rikors imressaq fil-25 ta' April, 2016. Fir-rikors tal-appell tiegħu huwa talab għat-tħassir tagħhom u ressaq dawn l-aggravji: (i) li l-Ewwel Qorti ma qisitx l-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu dwar in-nullità taċ-ċitazzjoni; (ii) li huwa ma kellux l-opportunità jressaq bħala provi x-xhieda ta' persuni li kienu jgħixu barra minn Malta; (iii) li l-Ewwel Qorti ma messhiex sfilzat il-prova li ried iġib bis-sentenza tal-*High Court* Ingliża fl-ismijiet, *Jeffrey Barnett et v. Stuart Creggy* deċiża fid-19 ta' Diċembru, 2014; (iv) li Stuart Creggy ma ġabx prova li huwa kien sid tal-flejjes allegatament depożitati miegħu; (v) li Stuart Creggy kellu jipprova l-interess tiegħu; (vi) li l-Ewwel Qorti skartat il-kwistjoni tal-illeċitu fil-kawża; u (vii) li l-flejjes ma ġewx mgħoddija lilu bħala depożitu iżda bħala investiment.

11. Permezz ta' nota tal-4 ta' Lulju, 2016, Patrick Spiteri rtira l-ewwel aggravju tiegħu fuq l-allegat nuqqas ta' stħarriġ mill-Ewwel Qorti tal-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu dwar in-nullità taċ-ċitazzjoni.

12. B'sentenza mogħtija fl-4 ta' Mejju, 2022, din il-Qorti b'Imħallfin differenti, ċaħdet l-appell tal-konvenut Patrick Spiteri u peress li dehrilha li l-appell imressaq minnu kien wieħed fieragħ u vessatorju, hija ordnat li huwa kellu jħallas l-ispejjeż ta' dan l-appell għal darbtejn bit-tħaddim tal-**Artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

13. Fit-3 ta' Awwissu, 2022, Patrick Spiteri ressaq dan ir-rikors ta' ritrattazzjoni, u permezz tiegħu talab ir-ritrattazzjoni tas-sentenza tal-4 ta' Mejju, 2022, fuq il-kawżali tal-**Artikolu 811(e)** u **(l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

14. Fil-qosor, Patrick Spiteri qiegħed jgħid li din il-Qorti applikat il-liġi ħażin għaliex flok inqdiet bl-**Artikoli 145** u **150 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex iżżomm fl-atti tal-kawża s-sentenza Ingliża, *Jeffrey Barnett et v. Stuart Creggy,* hija kkonfermat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, illi din is-sentenza Ingliża ma kellhiex tifforma parti mill-provi tal-kawża. Jgħid ukoll li kien hemm tħaddim ħażin tal-liġi għaliex din il-Qorti straħet fuq l-**Artikolu 1909 tal-Kodiċi Ċivili**

minflok straħet fuq ir-**Regolamenti kontra Money Laundering,** kif miġjuba fil-**Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01**.

15. Minbarra dan, Patrick Spiteri jargumenta wkoll li s-sentenza tal-4 ta' Mejju, 2022, hija milquta minn żball ta' fatt, kemm għaliex din il-Qorti injorat għalkollox sentenzi oħra li ġew imressqa fil-kawża li juru l-aġir illeċitu ta' Stuart Creggy, kif ukoll għaliex din il-Qorti straħet fuq is-suppożizzjoni li s-sentenza ta' *Jeffrey Barnett et v. Stuart Creggy* mhijiex rilevanti minħabba li huwa qatt ma semma lil Barnett tul ix-xhieda tiegħu.

16. Għalhekk Patrick Spiteri talab lil din il-Qorti sabiex:

> *«i. Tirrexxindi u tħassar is-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet premessi tal-4 ta' Mejju, 2022 u dan minħabba li hija vizzjata kif ingħad hawn fuq u dan għat-tenur tal-artikolu 811(e) u (l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; inkluż li jekk ikun il-każ wara li ssir riferenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar il-punti ta' dritt Ewropew imqajma f'dan ir-rikors; u*
>
> *ii. Tordna konsegwentement ir-ritrattazzjoni tal-istess kawża skont il-liġi.*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tar-ritrattati għas-subizzjoni.»*

17. Sylvana Spiteri wieġbet fit-3 ta' Frar, 2023 u Jeremy S. Harris bħala mandatarju ta' Stuart Creggy wieġeb fl-10 ta' Marzu, 2023 u hemmhekk huma taw ir-raġunijiet tagħhom għaliex it-talba ta' ritrattazzjoni mressqa minn Patrick Spiteri jmissha tiġi miċħuda.

18. Inżamm smigħ fit-8 ta' Ġunju, 2023 u minn hemmhekk il-kawża

tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

19. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tinsab f'qagħda li tgħaddi għal din is-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet:**

20. L-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija waħda ta' ritrattazzjoni. Naturalment hija u tqis din l-azzjoni, din il-Qorti trid iżżomm f'moħħha li proċedura bħal din hija waħda ta' sura eċċezzjonali li ma tistax tintuża bħala grad ieħor ta' appell (ara *inter alia* s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell, ***J.V. & S. Development Limited v. Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali*** mogħtija fit-28 ta' Jannar, 2021 u ***Emanuel Falzon et v. Alfred Fenech et*** deċiża fil-21 ta' Mejju, 2019).

21. L-ewwel raġuni ta' ritrattazzjoni mressqa minn Patrick Spiteri għaliex għandha titħassar is-sentenza tal-4 ta' Mejju, 2022, tinsab imsejsa fuq l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

22. Talba ta' ritrattazzjoni fuq dan l-artikolu timplika użu ta' provvediment tal-liġi flok ieħor (ara ***Alexander Gray Bannerman et v. John Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019).

Għalhekk, biex tingħata r-ritrattazzjoni, irid jintwera li l-Qorti applikat il-liġi l-ħażina fis-sentenza attakkata. Huwa minħabba f'hekk ukoll li l-liġi fl-**Artikolu 816 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** trid li min jitlob is-smigħ mill-ġdid ta' kawża jrid isemmi wkoll liema messha kienet il-liġi t-tajba li suppost ġiet applikata (ara ***Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2019).

23. Fil-każ tagħna, Patrick Spiteri jibda billi jgħid li din il-Qorti żbaljat il-liġi meta kkonfermat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tiegħu ġiet imneħħija mill-atti tal-kawża s-sentenza Ingliża, *Jeffrey Barnett et v. Stuart Creggy.*

24. Il-parti rilevanti tas-sentenza ta' din il-Qorti, li qiegħda tiġi attakkata minn Patrick Spiteri hija din:

> ***«It-tielet aggravju***: *dwar l-isfilz tas-sentenza tal-Qorti Ingliża*
>
> *34. Il-konvenut appellant f'dan l-aggravju tiegħu jilmenta bil-fatt li l-Ewwel Qorti sfilzat il-kopja tas-sentenza tal-Qorti Ingliża mogħtija fid-19 ta' Diċembru, 2014. Jargumenta li f'tali sentenza kien ġie dikjarat "konklussivament" li l-aħwa Barnett (atturi f'tali kawża) kienu taw lil Creggy 'il fuq minn miljun dollaru sabiex iżommhomlhom, u li dan Creggy kien għadda tali flus lilu. Isostni li din is-sentenza għalhekk tikkostitwixxi prova li l-flus ma kinux ta' Creggy.*
>
> *35. Din il-Qorti tosserva li fit-30 ta' Ottubru, 2014 id-difensuri tal-partijiet infurmaw lill-ewwel Qorti li ma kellhomx aktar provi x'jipproduċu u għalhekk il-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni orali għat-18 ta' Marzu, 2015 b'dan li kull parti ngħatat l-awtorizzazzjoni biex fil-frattemp tippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha.*

*36. Fil-21 ta' Jannar, 2015, il-konvenut ippreżenta rikors fejn informa lill-Ewwel Qorti li kien sar jaf bid-deċiżjoni li ngħatat fid-19 ta' Diċembru, 2014 mill-Qorti Ingliża (High Court of Justice Chancery Division) fil-kawża* ***Barnett et v. Creggy*** *u li tali sentenza kienet rilevanti għaliex tikkonferma li l-flus li ġew mogħtija lilu u li jiffurmaw il-mertu tal-kawża odjerna mhumiex ta' Stuart Creggy iżda ta' żewġ kumpaniji (Glacier u Pound) li huma tas-sinjuri aħwa Barnett, u li Creggy għadda l-flus lilu (lill-konvenut odjern) mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-aħwa Barnett. Il-konvenut għalhekk fl-imsemmi rikors tiegħu talab lill-Ewwel Qorti tieħu konjizzjoni tas-sentenza (li* ***kopja mhux awtentikata*** *tagħha ġiet annessa mal-istess rikors) u biex tiddiferixxi l-kawża għall-provi u kontro-eżamijiet relattivi u konsegwenzjali għall-istess sentenza.*

*37. L-Ewwel Qorti fis-16 ta' Frar 2015 tat digriet li permezz tiegħu ċaħdet ir-rikors. Id-digriet jgħid hekk:*

> *«Rat ir-rikors de quo datat 21 ta' Jannar, 2015, flimkien mad-digriet preċedenti tagħha datat is-26 ta' Jannar[1] tal-istess sena.*
>
> *Rat ir-risposta tar-rikorrenti nomine datata t-12 ta' Frar 2015;*
>
> *Tirrileva preliminarjament li l-paragrafu 50 riferit mill-istess rikorrenti nomine fil-paragrafu 6 tar-risposta tiegħu fuq riferita hu fil-fatt indikat erronjament;*
>
> *Illi di più waħda mis-soċjetajiet indikati fil-paragrafu 8 tal-istess risposta hi wkoll indikata erronjament (sic), illi però taqbel mas-sottomissjoni tal-istess risposta tar-rikorrenti nomine li d-dokument ippreżentat in atti mill-intimat hawn rikorrenti mhux skont il-liġi stante li mhux debitament awtentikat;*
>
> *Illi għaldaqstant, filwaqt li tilqa' r-risposta fuq riferita, tirrespinġi t-talba tal-intimat hawn rikorrenti.»*

*38. Sussegwentement, fil-21 ta' April, 2015 il-konvenut ippreżenta nota li biha ppreżenta* ***kopja awtentikata*** *tas-sentenza tad-19 ta' Diċembru, 2014 mogħtija mill-Qorti Ingliża.*

*39. Jumejn wara, fit-23 ta' April 2015 l-attur nomine għamel rikors għall-isfilz ta' tali kopja awtentikata. Fir-rikors huwa argumenta li ladarba t-talba tal-konvenut biex l-Ewwel Qorti tieħu konjizzjoni tas-sentenza u tiddiferixxi l-kawża għall-provi/kontro-eżamijiet konsegwenzjali għal tali sentenza kienet ġiet miċuda, l-istess konvenut ma setax jaqbad u jesebixxi kopja tas-sentenza "bħallikieku r-Reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti qisu xi depożitarju bla qiegħ." Kompla jgħid li bil-preżentazzjoni tal-kopja tas-sentenza (awtentikata) kien qed jitfa' inkartament fl-atti tal-kawża kontra l-ordni tal-istess Qorti.*

[1] Fid-digriet tas-26 ta' Jannar 2015 ordnat in-notifika tar-rikors lill-partijiet involuti b'ħamest ijiem min-nofitika għar-risposta.

*40. Fit-2 ta' Ġunju, 2015 l-ewwel Qorti tat digriet li permezz tiegħu laqgħet it-talba tal-attur nomine għall-isfilz. Id-digriet jaqra hekk:*

*«Rat ir-rikors datat it-23 ta' April, 2015;*

*Rat ir-risposta datata t-18 ta' Mejju, 2015;*

*Semgħet lill-abbli rappreżentanti tal-partijiet fir-rigward;*

*Illi in vista ta' dak indikat fl-istess rikors fuq indikat, tilqa' t-talba u tordna l-isfilz tas-sentenza in diżamina.»*

*41. Dan id-digriet fil-fatt jifforma l-mertu tat-tielet aggravju tal-konvenut appellant. Huwa jargumenta li din is-sentenza, li skont hu tikkostitwixxi prova li l-flus ma kinux tal-attur, hija dokument pubbliku u li kienet produċibbli bħala prova.*

*42. Ta' rilevanza però huwa l-fatt li l-konvenut ippreżenta kopja ta' din is-sentenza (f'dak l-istadju* ***kopja awtentikata****) <u>wara li kienu ngħalqu l-provi</u>. Veru li s-sentenza tal-Qorti Ingliża ngħatat wara li ngħalqu l-provi, iżda se mai l-konvenut kellu jagħmel rikors u fih jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Ewwel Qorti sabiex jippreżenta tali dokument, u mbagħad f'każ li l-Ewwel Qorti dehrilha li kien ġustifikat jesebih f'dak l-istadju, tawtorizzah jesebih, iżda mhux jaqbad u jippreżentah minn rajh permezz ta' nota.*

*43. Għaldaqstant din il-Qorti ma jidhrilhiex li d-digriet tal-Ewwel Qorti jimmerita li jiġi ċensurat, u konsegwentement għalhekk dan it-tielet aggravju qiegħed jirriżulta infondat.»*

25. Patrick Spiteri qiegħed jargumenta fir-rikors għar-ritrattazzjoni tiegħu, illi din il-Qorti messha laqgħet l-aggravju tiegħu kontra l-isfilz tas-sentenza Ingliża u aċċettat minflok li tħalli din is-sentenza barranija bħala parti mill-provi, minħabba dak li jgħidu l-**Artikoli 145** u **150 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Skont Patrick Spiteri, in-nuqqas ta' użu ta' dawn iż-żewġ artikoli tal-liġi wassal lil din il-Qorti biex twettaq applikazzjoni ħażina tal-liġi.

26. L-**Artikoli 145** u **150 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura**

**Ċivili** msemmija minn Patrick Spiteri jitkellmu dwar il-provi li jistgħu jitressqu minn appellant mar-rikors tal-appell tiegħu jew waqt is-smigħ tal-appell.

27. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-ilment ta' Patrick Spiteri ma huwa fejjiedi xejn. Anzi huwa ċar li dan l-ilment tiegħu tressaq fil-vojt.

28. Ibda biex, Patrick Spiteri jonqos milli jgħid liema kien dak l-artikolu tal-liġi li ġie wżat u msemmi ħażin fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (ara f'dan is-sens is-sentenza ***Joseph Vella v. Juda Taddeo sive Teddy Borg et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Diċembru, 2022). Jiġi mfakkar hawnhekk, li taħt il-kawżali ta' tħaddim ħażin tal-liġi, dak li jrid jintwera huwa li s-sentenza attakkata tkun ħadmet liġi b'oħra, u mhux li ma tħaddmitx liġi li setgħet kienet tgħodd għall-każ iżda li ma ntużatx.

29. Fir-rikors tiegħu, Patrick Spiteri jgħid biss li l-Qorti tal-Appell ma applikatx l-**Artikoli 145** u **150 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan però mhux biżżejjed biex tkun tista' tintlaqa' talba għar-ritrattazzjoni taħt l-**Artikolu 811(e)**. In-nuqqas ta' Patrick Spiteri milli jindika l-liġi li suppost ġiet imħaddma ħażin mill-Qorti tal-Appell, jikkonferma li, fil-verità, ma kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi.

30. Fuq kollox, din il-Qorti hija tabilħaqq imħassba kif Patrick Spiteri

qiegħed isostni li din il-Qorti tal-Appell kellha tħaddem l-**Artikoli 145** u **150 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Tassew din il-Qorti ma tista' qatt tifhem kif setgħu jitħaddmu dawn iż-żewġ artikoli tal-liġi, meta jirriżulta mill-atti tal-kawża, li Patrick Spiteri ma hemeż l-ebda dokument mar-rikors tal-appell tiegħu tal-25 ta' April, 2016, skont l-**Artikolu 145**; u wisq anqas ma ressaq xi talba quddiem il-Qorti tal-Appell skont l-**Artikolu 150**, sakemm dam għaddej is-smigħ tal-appell, sabiex huwa jitħalla jressaq dokument ġdid bħala parti mill-provi.

31. Tassew, din il-Qorti ma setgħetx legalment tħaddem dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi msemmija minn Patrick Spiteri, mingħajr dokument ġdid mehmuż mar-rikors tal-appell tiegħu u mingħajr ebda talba min-naħa tiegħu biex jitressqu provi ġodda fl-istadju tal-appell.

32. Dan il-parti tal-ilment ta' Patrick Spiteri, li din il-Qorti qiegħda tqisu bħala wieħed għalkollox fieragħ, qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

33. Patrick Spiteri jgħid ukoll fir-rikors tiegħu, li fis-sentenza tal-4 ta' Mejju, 2022, seħħ tħaddim ħażin tal-liġi għaliex minflok id-dispost tal-**Artikolu 1909 tal-Kodiċi Ċivili**, li jgħid li d-depożitarju m'għandux jedd jitlob illi d-depożitant jipprova li hu sid il-ħaġa ddepożitata, kellhom jiġu applikati r-regolamenti li jinsabu fil-**Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01**. Huwa jsostni li l-flus, li Stuart Creggy qed jgħid li huma tiegħu, huma frott

ta' attivitajiet illegali u għalhekk din il-Qorti għandha d-dmir li tinvestiga n-nisel ta' dawn il-flejjes u li jekk hemm bżonn tagħmel riferenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

34. Fil-fehma ta' din il-Qorti anke dan l-ilment huwa wieħed ħażin.

35. Qabel xejn, Patrick Spiteri ma jistax jippretendi li jimpunja sentenza taħt l-**Artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** billi jagħmel referenza ġenerika biss għar-regolamenti taħt il-**Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01**.

36. L-**Artikolu 816 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jeżiġi li min irid jattakka s-siwi ta' sentenza fuq il-kawżali ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi, dan għandu jgħid liema hija l-liġi li messha tħaddmet u ma tħaddmitx. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Cassar Fuel Limited v. Gozo Channel (Operations) Limited et*** deċiża fit-28 ta' Jannar, 2021, referenza ġenerika għal Att tal-Parlament jew għal Regolamenti mhijiex biżżejjed għal dak li jgħid u jrid l-**Artikolu 816 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

37. Dan jgħodd aktar u aktar, meta wieħed iqis li l-**Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01** imsemmija minn Patrick Spiteri, inbidlet għadd ta' drabi mis-sena 1994 'l hawn.

38. Huwa ċar li Patrick Spiteri semma din il-liġi sussidjarja bla ma indika artikolu speċifiku minnha, bit-tama li din il-Qorti tagħmillu xogħlu u forsi ssib xi ħaġa li taf tgħinu. Dan iżda mhuwiex il-mod kif għandhom isiru talbiet għal ritrattazzjoni taħt din il-kawżali.

39. Għalhekk, din il-Qorti ma ssibx li għandha tħassar is-sentenza tal-4 ta' Mejju, 2022, fuq din il-kawżali ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi;

40. L-istess konsiderazzjonijiet jgħoddu wkoll għat-talba ta' Patrick Spiteri biex issir referenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Tajjeb li jingħad li skont l-**Artikolu 267 tat-Trattat Dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**, referenza preliminari tista' jew għandha ssir biss meta quddiem qorti nazzjonali tqum kwistjoni dwar it-tifsir tat-**Trattati tal-Unjoni** jew dwar is-siwi jew it-tifsir ta' atti tal-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni (ara ***Tarek Mohammed Ibrahim v. Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Frar, 2016 u ***Sharon Rose Roche nèe Bellamy v. Id-Direttur Tad-Dipartiment Għall-Istandards Fil-Ħarsien Soċjali et nomine*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar, 2018).

41. Ir-rinviju huwa meħtieġ meta jkun hemm bżonn ta' interpretazzjoni ta' dispożizzjoni ta' dritt Ewropew u mhux meta hemm bżonn ta'

applikazzjoni ta' dritt Ewropew għall-fatti tal-każ (ara ***Virtù Holdings Limited v. Gozo Channel (Operations) Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018). Il-Qorti Ewropea tieqaf fl-istadju tal-interpretazzjoni ta' att komunitarju, bla ma torbtu maċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari li dwaru ssir ir-riferenza. Dan isir biex it-tifsira li tkun ingħatat, tkun tista' tiġi applikata mill-Qrati domestiċi, kull fejn u f'kull każ li l-kwistjoni tqum quddiemhom. Dan ifisser ukoll li l-applikazzjoni ta' dik it-tifsira tkun imħollija għall-Qorti domestika.

42. Għalhekk, fejn il-kwistjoni tkun tirreferi għall-applikazzjoni ta' norma komunitarja, fi ħdan liġi domestika u mhux għat-tifsir tagħha, ikun għalxejn li l-Qorti Ewropea tintalab tagħti deċiżjoni preliminari (ara ***Carmelo Borg v. Avukat Ġenerali tar-Repubblika et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-24 ta' Novembru, 2005 u ***Servizi Malta Limited v. Direttur tal-Kuntratti e***t deċiża fl-4 ta' Lulju, 2019).

43. Fil-każ tal-lum, Patrick Spiteri mhux biss ma semmiex liema huma dawk l-artikoli tal-liġi Ewropea li dwarhom huwa jixtieq opinjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, iżda lanqas biss ma indika fuq x'hiex għandha twieġeb il-Qorti tal-Ġustizzja, li kieku kellha ssir ir-riferenza.

44. Jiġi b'hekk, li m'hemmx lok biex issir referenza preliminari skont l-

**Artikolu 267 tat-Trattat Dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**.

45. Ngħaddu issa biex inqisu t-tieni raġuni ta' ritrattazzjoni mressqa minn Patrick Spiteri kontra s-sentenza tal-4 ta' Mejju, 2022, li tinsab mibnija fuq l-**Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan l-artikolu jipprovdi li hemm lok għar-ritrattazzjoni jekk fis-sentenza jkun hemm żball ta' fatt.

46. Skont Patrick Spiteri, din il-Qorti kienet fattwalment żbaljata meta qalet li s-sentenza Ingliża, ***Jeffrey Barnett et v. Stuart Creggy***, kienet irrilevanti ladarba huwa ma semmiex lil Jeffrey u Peter Barnett waqt ix-xhieda tiegħu. Ifisser li huwa ma setax isemmi lil Jeffrey u Peter Barnett b'isimhom għaliex l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tiegħu biex isiru ittri rogatorji u għaliex is-sentenza Ingliża ma tħallietx bħala parti mill-provi fil-kawża.

47. Din il-Qorti tosserva li l-eżami li jrid isir taħt il-kawżali tal-iżball ta' fatt, huwa jekk is-sentenza attakkata hijiex msejsa fuq fatt li fil-verità ma jeżistix, jew inkella jekk din is-sentenza ngħatatx fuq l-assenza ta' fatt li fil-verità jeżisti. F'dan ir-rigward, il-Qorti mhijiex mitluba tgħid jekk l-apprezzament tal-fatt imwettaq fis-sentenza attakkata kienx wieħed tajjeb jew le. Lanqas li tgħarbel jekk il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza attakkata, li wasslu għas-suppożizzjoni tal-eżistenza jew l-assenza ta'

dak il-fatt, kinux tajba jew ħżiena (ara ***Prokuratur Legali Joseph Zammit nomine v. Michael Fenech pro et noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Awwissu, 2021).

48. L-iżball ma jridx imiss mal-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza, li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan mhuwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant (ara ***Josephine Camilleri et v. Joseph Camilleri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu, 2021).

49. Kif tajjeb poġġietha din il-Qorti fis-sentenza tagħha ***Mare Blu Tuna Farm Limited v. Dr. Louis Cassar Pullicino nomine*** deċiża fl-4 ta' Ottubru, 2010, irid, «*ikun hemm prova ċara u netta fl-atti jew fid-dokumenti li għandha biss tifsira waħda u unika, ċjoè li tistabbilixxi ċertu fatt jew li teskludih, u minflok il-ġudikant bi żball u proprju għaliex ma indunax b'tali prova, fid-dikjarazzjoni tiegħu fis-sentenza juri li ssupona l-invers ta' dak li tfisser il-prova u b'hekk mexa fuq presuppost żbaljat.*»

50. Din il-Qorti qajla tista' tifhem kif Patrick Spiteri jista' jargumenta li l-Ewwel Qorti żbaljat il-fatti minħabba li ma sarux l-ittri rogatorji u minħabba li ġiet sfilzata s-sentenza Ingliża. L-iżball li jagħti lok għar-ritrattazzjoni jrid jirriżulta mill-atti tal-kawża u mhux minn xi ħaġa li ma tkunx fl-atti tal-

kawża.

51. Kif osservat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***John Zammit v. Michael Zammit Tabona et*** deċiża fit-22 ta' Jannar, 2001, «*l-iżball irid jemerġi mis-sempliċi konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u dokumenti tal-kawża, b'mod li jkun jidher prodott esklussivament mis-sempliċi inavvertenza tal-ġudikant*.»

52. Billi f'dan il-każ l-ittri rogatorji baqgħu ma sarux u l-prova tas-sentenza Ingliża ġiet imneħħija mill-atti tal-kawża, Patrick Spiteri ma jistax jgħid li s-sentenza attakkata ssejset fuq suppożizzjoni ta' fatt li hija meruta mill-atti stess tal-kawża.

53. Sa fejn imbagħad, Patrick Spiteri jgħid li huwa ppreżenta sentenzi oħra biex juri l-karattru veru ta' Stuart Creggy, din il-Qorti tqis li huwa ma fissirx kif dawn is-sentenzi juru li din il-Qorti wettqet żball ta' fatt skont il-liġi. M'hemmx għalfejn ngħidu, mhuwiex xogħol din il-Qorti li toqgħod tistħajjel x'kellu f'moħħu Patrick Spiteri. Għalhekk fin-nuqqas ta' spjegazzjoni ta' fiex eżattament jikkonsisti dan l-iżball, din il-Qorti tista' tieqaf hawn.

54. It-tieni raġuni għar-ritrattazzjoni msemmija minn Patrick Spiteri għalhekk qiegħda tiġi miċħuda wkoll.

55. Din il-Qorti tagħlaq din is-sentenza billi tgħid li din l-azzjoni ta' ritrattazzjoni mressqa minn Patrick Spiteri kienet waħda għalkollox fiergħa u vessatorja. Huwa ċar mill-mod ta' kif tfassal dan ir-rikors ta' ritrattazzjoni li huwa pprova jġebbed kemm jiflaħ biex jipprova jsib kull skuża tajba taħt il-kappa tax-xemx biex forsi jirnexxilu fl-iskop tiegħu li jerġa' jiftaħ il-każ tiegħu. Dan it-tentattiv fjakk tiegħu iżda ma wassal għal imkien għaliex kien ovvju li huwa ma kellu l-ebda bażi tajba ta' ritrattazzjoni. Għalhekk meta wieħed iqis dan kollu, kif ukoll il-fatt li din it-tilwima issa ilha għaddejja sa mill-2003 u li Patrick Spiteri ġa kien ressaq appell fieragħ u vessatorju, tant li ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż tal-appell għal darbtejn, huwa xieraq li dan jiġi rifless fil-kap tal-ispejjeż.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda <u>**tiċħad**</u> it-talbiet kollha ta' Patrick Spiteri għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-4 ta' Mejju, 2022, bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.

Minbarra dan, billi l-Qorti hija tal-fehma wkoll illi r-rikors għar-ritrattazzjoni ppreżentat minnu huwa att għalkollox fieragħ u vessatorju, il-Qorti, wara li rat il-**paragrafu 10 tat-Tariffa A mehmuża mal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, qiegħda tikkundanna lil Patrick Spiteri jħallas lir-Reġistratur Qrati

Ċivili u Tribunali spejjeż addizzjonali ta' tmien mitt ewro (€800).

| | | |
|---|---|---|
| Robert G. Mangion | Christian Falzon Scerri | Josette Demicoli |
| Aġent President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da